SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna LGO 13/1994/XX

17 ta' Marzu 2016

Lill-Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kumitati Reġjonali

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 7/2016
## RAPPORTI PUBBLIĊI FUQ www.lc.gov.mt

B'żieda ma' Memo 36/2011, intom qed tiġu mitluba illi, b'effett mis-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015, għandkom tibdew tapplowdjaw l-Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) u t-tweġiba f'isem il-Kunsill Lokal fuq il-*website* www.lc.gov.mt. Dawn għandhom jiġu applowdjati hekk kif ikunu ġew approvati mill-Kunsill Lokali. Dan ser iservi biex ikun hemm iktar trasparenza fil-ħidma tal-gvern lokali.

Infakkarkom illi l-Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) li tinkiteb mill-Udituri dwar nuqqasijiet li jkunu nstabu fl-operat tal-Kunsill Lokali għandha tiġi diskussa f'laqgħa tal-Kunsill Lokali. Min-naħa tagħhom, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom, wara li jkunu ġabu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali, jagħtu tweġiba f'isem il-Kunsill Lokali lid-Direttur Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali sa mhux iktar tard **mill-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2016** jew sitt ġimgħat wara li jkunu rċevew l-Ittra mingħand l-Awditur Ġenerali. Nerġgħu nfakkrukom illi l-Ittra ta' Direzzjoni għandha tiġi mwieġba punt punt u mhux b'mod ġenerali. Għal benefiċċju tagħkom, qed nerġgħu nibgħatulkom kopja ta' Memo 3/2016 fejn hemm iktar dettalji ta' kif għandha tintwieġeb l-Ittra ta' Direzzjoni.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.



Carmel Abela
Direttur
Gvern Lokali

Mehmuż: Memo 3/2016.

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
**t** + 356 2200 2300 **e** info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt